MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2015

Citazzjoni Numru. 953/2014

**Hamdan Najm ID 0545013 (L)**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ Hamdan Najm ID 0545013 (L) datat 30 ta’ Ottubru 2014 fejn bil-gurament tieghu ikkonferma u ddikjara: -

Illi fic-certifikat tat-twelid tar-rikorrenti mahrug mir-registratur Pubbliku bin-numru: 5450 tas-sena 2013 anness u mmarkat 'Dok A' il-kunjom jidher erronjament bhala: 'Najem' minnflok il-kunjom ‘Najm';

Illi r-rikorrent dejjem gab isem Najm u dan kollu kif jirrizulta mill-annessi Dokumenti mmarkati Dok ‘B 02’ sa Dok ‘F’ u kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi r-rikorrent dejjem kien maghruf bil-kunjom Najm u dan huwa rifless fid-dokumenti ufficjali bhad-dokument tal-passaport Sirjan li kopja tieghu qed jigi anness. L-istess familja kollha tar-rikorrenti jgibu l-istess isem Najm.

Illi *nonostante* cioe' l-att ta' twelid tar-rikorrenti juri l-isem "Najem" u mhux "Najm";

Illi tali inkonsistenza ikkawzat u qed tikkawza diffikultajiet lir-rikorrent peress li l-familja tieghu ghandhom kollha l-kunjom Najm,

Illi r-rikorrenti ghandu interess skont il-ligi, *inter alia ai termini* ta' l-artikolu 253 tal-Kap 16, li ssir id-debita korrezzjoni;

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, jghid l-intimat ghaliex din l-Onorabbli Qorti, m'ghandhiex, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Tiddikjara li l-kunjom li bin ir-rikorrent huwa konsistenement maghrufa huwa "Najm" u mhux "Najem";

2. Tordna sabiex jikkoregi c-certifikat tat-twelid, anness u mmarkat Dok ‘HN 01' minnu mahrug, bin-numru hamsa, erbgha, hamsa, zero (5450) tas-sena 2013, fis-sens illi fil-kolonna intestata 'isem u kunjom', il-kunjom Najem jigi kkorregut bl-isem 'Najm';

3. Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet fid-dokumenti pubblici fejn jidher isem ir-rikorrenti fis-sens illi kull fejn hemm isem ir-rikorrenti li huwa indikat bhala "Najem" jigi kkorregut l-isem "Najm"

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat li huwa ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-16 ta’ Dicembru 2014.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Regsitru Pubbliku datata 2 ta’ Dicembru 2014 (fol 20) fejn bil-qima u bil-ġurament tiegħu ddikjara u kkonferma dan li ġej:

1. Illi preliminarjament, qabel is-smigh tal-kawza, b'ordni tal-Qorti ghandu jigi ppubblikat avviz fil-Gazzetta tal-Gvern talanqas himistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza *a tenur* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi l-esponent jirrileva li r-registrazzjoni ta' l-att tat-twelid in kwistjoni sar *ai termini* tal-artikolu 244 tal-Kap 16 peress li l-att tat-twelid originali huwa wiehed Sirjan (anness u mmarkat bhala Dok DRP 1). Ghaldaqstant ir-registrazzjoni hawn Malta saret fedelment u skont l-informazzjoni li tirrizulta mit-traduzzjoni guramentata li r-rikorrenti issottometta fil-punt ta' registrazzjoni (anness u mmarkat bhala Dok 'DRP 2'). Fuq it-traduzzjoni isem u kunjom l-attur huwa Najem Hamdan.

3. Illi apparti dan l-attur meta gie biex jiddikjara d-dettalji tieghu lid-dipartiment, issottometta I-formula annessa u mmarkata bhala Dok DRP 3 fejn indika huwa stess li ismu u kunjomu huwa Hamdan Najem, imbaghad iktar 'l isfel fuq l-istess dokument huwa kiteb ismu bhala Hamdan Naem.

4. Illi fl-umli fehma tal-esponent biex it-talba tal-attur tirnexxi jrid l-ewwwel u qabel kollox jipprova li t-traduzzjoni ta' Dok 'DRP 1' anness ma' din ir-risposta kienet wahda zbaljata. Illi l-esponent jirrileva li peress li r-registrazzjoni saret abbazi tal-artikolu 244 l-att tat-twelid Malti jrid jirrifletti fedelment l-att barrani ghax jekk le I-attur ikun f'sitwazzjoni fejn ikollu zewg atti tat-twelid li jaghtu informazzjoni differenti.

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti.

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghed jigi ingunt in subizzjoni.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem din il-Qorti hekk presjeduta fejn fis-seduta tat-23 ta’ April 2015 meta ssejhet il-kawza deher ir-rikorrent assistit minn Dr. Mark Mifsud Cutajar. Deher Dr. Maurizio Cordina ghall-intimat id-Direttur tar-Registru Pubbliku. Dr. Mifsud Cutajar iddikjara li m'ghandux provi ohra f’dan l-istadju. Id-difensuri tal-partijiet irrimettew ruhhom ghar-rapport ta' Nadia Lanzon. Dr. Cordina purche` li l-ispejjez tal-kawza jigu sopportati mir-rikorrent, iddikjara li ma fadallux provi ulterjuri, u issottometta li l-intimat m'ghandu jbati l-ebda spejjez billi hu m'ghamel l-ebda zball u billi qaghad fuq it-traduzzjoni li giet provduta mir-rikorrenti stess. Dr. Mifsud Cutajar irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-12 ta' Mejju 2015 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi r-rikorrent qed jagħmel din it-talba *ai termini* tal-artikoli **253 *et sequitur*** tal-Kodiċi Ċivili li jagħtu dritt lil kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* **tal-artikolu 254 tal-Kap.16** saret debitament skont il-Ligi nhar il-11 ta' Novembru 2014 (fol.19 tal-process).

Illi jirrizulta mir-rikors promotur li r-rikorrent, imwieled is-Syria, qed jitlob korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid tieghu billi kunjomu ghandu jitnizzel bhala **Najm** minnflok **Najem.** In sostenn tat-talba tieghu esebixxa diversi dokumenti, inkluz ic-certifikat tac-Cittadinanza mahrug mill-Gvern ta' Malta (**Dok.D)** fejn kunjomu huwa mnizzel bhala *Najm,* kif ukoll xehed b'affidavit.

Illi din hija registrazzjoni *ai termini* tal-**artiklu 244 tal-Kap.16** li tiddisponi li:-

***"244.*** *(1) Kull att ta' twelid, ta' żwieġ, ta' unjoni ta' stat ekwivalenti kif imfissra fl-Att dwar l-Unjonijiet Civili jew ta'mewt ta' ċittadin ta' Malta magħmul jew reġistrat f'pajjiż barrani minn awtorità kompetenti f'dak il-pajjiż, li ma jkunx att magħmul jew reġistrat skont l-artikolu 270(1) jew (2), jista', fuq talba ta' kull min ikollu interess u wara li d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jkun sodisfatt dwar l-awtentiċità ta' dak l-att, jiġi reġistrat f'dawn il-Gżejjer bl-istess mod bħallikieku kien att magħmul minn waħda mill-persuni msemmija f'dan it-Titolu.*

*(2) Il-persuna li tagħmel it-talba għandha, għall-finijiet tar-reġistrazzjoni, tikkonsenja lid-Direttur l-att li dwaru tkun saret dik it-talba."*

Illi f'kazijiet simili, fejn jintalab li jigi prodott Att tat-twelid, jew att ufficjali iehor, redatt f'pajjiz iehor b'lingwa li mhix wahda fost dawk ufficjali ta' pajjizna, d-dettalji imnizzla fl-Atti f'Malta jittiehdu minn traduzzjoni mahruga minn dak il-pajjiz. Ghalkemm din it-traduzzjoni hija wahda ufficjali, mhux eskluz li mhix wahda akkurata.

Ghandu jinghad li din il-Qorti qed tirriskontra kazijiet fejn isiru zbalji fit-traduzzjoni mill-lingwa Gharbija ghall-Ingliz f'atti mahruga mill-Awtoritajiet Libjani, u wiehed ghandu jistaqsi jekk hux il-kaz li d-Dipartimenti Maltin jimpjegaw tradutturi ufficjali sabiex jaghmlu verifika akkurata tat-traduzzjoni ufficjali. B'hekk jigu evitati kawzi fejn isiru talbiet ghall-korrezzjoni ta' certifikati ta' stat civili anke snin wara li l-persuna kkoncernata tkun ghexet f'pajjizna, hadmet, izzewget, kellha tfal, ghamlet atti ta' hajja civili, u dan kollu taht isem u kunjom differenti minn dak veritier.

Fil-kaz odjern, ma jirrizultax li sar zball da parti tal-Intimat Direttur in kwantu r-registrazzjoni saret *ai termini* tal-artiklu 244 fuq citat, abbazi ta' dokumenti prodotti mir-rikorrent.

Fir-rigward tal-mertu tal-kaz, din il-Qorti hija fid-dover li taccerta l-verita' tal-fatti fejn tidhol l-identita' ufficjali tal-persuna kkoncernata. Ic-certifikat tat-twelid originali tar-rikorrent,**(Dok.DRP1)** mahrug mill-Awtoritajiet Sirjani jinghata fiducja mill-awtoritajiet Maltin bhala wiehed awtentiku. Huwa dan ic-certifikat li huwa d-dokument baziku li jista' jaghti l-informazzjoni kollha mehtiega sabiex il-Qorti tkun tista' tasal ghall-apprezzament finali tat-talbiet odjerni.

Ghal dan l-iskop il-Qorti innominat lill-**Nadia Lanzon,** bhala esperta fit-traduzzjoni mill-lingwa Gharbija ghall-lingwa Ingliza[1]. Mir-rapport taghha, esebit a fol.32-7 tal-process, debitament mahluf fit-18 ta' Frar 2015, jirrizulta s-segwenti informazzjoni mill-Att tat-twelid Sirjan:-

Isem u Kunjom it-tarbija - Hamdan Najm

Din l-informazzjoni hija wkoll konformi mat-traduzzjoni bl-Ingliz tat-taghrif relattiv fuq il-passaport Sirjan tal-istess rikorrent (**Dok.C).**

Illi l-partijiet irrimettew ruhhom ghar-rapport tal-esperta, liema rapport ser jigi addottat minn din il-Qorti.

Rigward il-kap tal-ispejjez, dawn ser jigu impost fuq ir-rikorrent billi ma jirrizultax li sar xi zball da parti tal-Intimat.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li **Tichad** l-eccezzjonijiet tal-Intimat sa fejn huma inkompatibbli ma' din is-sentenza, **u Tilqa' t-talbiet tar-rikorrent billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel Talba** u tiddikjara li l-kunjom li bih ir-rikorrent huwa konsistentement maghruf huwa "Najm" u mhux "Najem";

[1] Digriet tad-29 ta' Jannar 2015.

2. **Tilqa'** t-**tieni Talba** u tordna lill-Intimat sabiex jikkoregi c-certifikat tat-twelid, anness u mmarkat Dok ‘HN 01' mahrug mill-intimat, bin-numru hamsa, erbgha, hamsa, zero (5450) tas-sena 2013, fis-sens illi fil-kolonna intestata 'isem u kunjom', il-kunjom Najem jigi kkorregut bl-isem 'Najm';

3. **Tilqa' it-Tielet Talba** fis-sens li l-korrezzjoni ordnata ghandha tigi riflessa fid-dokumenti pubblici tar-rikorrent billi kull fejn hemm isem ir-rikorrent li huwa indikat bhala "Najem" jigi kkorregut l-isem "Najm".

Tordna wkoll illi kopja tal-eventwali decizjoni ta' din il-Qorti tigi notifikata *ai termini* tal-Artiklu 256 tal-Kodici Civili sabiex fiz-zmien li trid il-ligi, isiru d-debiti korrezzjonijiet hawn fuq ordnati.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent.**

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------